MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tad-19 ta' Frar, 2003

Citazzjoni Numru. 948/2000/1

**Antoinette Agius**

**vs**

**Joseph Gauci**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-partijiet izzewgu fit-28 ta' Novembru 1992 u minn dan iz-zwieg ma kellhomx ulied; u

Illi l-attrici xtaqet li minn din l-unjoni jkollhom it-tfal; u

Illi l-konvenut ibaghti minn kondizzjoni ta' impotenza, liema impotenza generandi tipprecedi z-zwieg; u

Illi l-konvenut kien jaf b'din il-kondizzjoni medika, izda qatt ma gharraf lill-attrici b'dan;

Illi l-konvenut ta l-kunsens tieghu ghall-kuntratt taz-zwieg bl-eskluzzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali, jew ohrajn tal-hajja mizzewga;

Illi l-kunsens tal-konvenut ghal dan iz-zwieg kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga tieghu u jew b'anomalija psikologika serja li jaghmilha mpossibbli ghall-konvenut li jaqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;

Illi l-istess attrici talbet li ghalhekk il-konvenut jghid ghaliex din l-Qorti m'ghandhiex:-

1. Tiddeciedi u tiddikjara ghar-ragunijiet premessi li z-zwieg bejn il-partijiet huwa null u bla effett ghal-finijiet u effetti kollha tal-ligi.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici w il-lista ta’ xhieda a fol 3 u 4 tal-process;

Rat il-verbal tas-6 ta’ Frar 2001.

Rat in-nota tal-attrici tad-9 t’April 2001 fejn permezz taghha estendiet it-terminu ghall-prezentata tan-nota tal-eccezzjonijiet da parti tal-konvenut sal-1 ta’ Mejju 2001.

Rat il-verbal tat-18 ta’ Gunju 2001 fejn il-Qorti nnominat lill-Dr Edwina Grima biex tigbor il-provi u tirrelata dwar il-kaz.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut tal-20 ta’ Lulju 2001 fejn eccepixxa:

1. Illi jekk hemm lok ghall-annullament taz-zwieg tieghu *ai termini* tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta’ Malta, dan mhux ghal ragunijiet imputabbli lilu.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista ta’ xhieda a fol 13 u 14 tal-process;

Rat il-verbal tas-26 ta’ Novembru 2001.

Rat is-seduti mizmuma mill-Perit Legali Dr Edwina Grima (fol 16 sa 26).

Rat il-verbali tat-22 ta’ April 2002, tat-23 t’Ottubru 2002 fejn din il-kawza bdiet tigi mismuha minn din il-Qorti kif prezentament ippresjeduta, tal-10 ta’ Dicembru 2002 u tas-7 ta’ Jannar 2003 fejn il-Perit Legali Dr Edwina Grima halfet ir-rapport u d-difensuri tal-partijiet irrimettew ruhhom ghar-rapport, ghalhekk il-kawza giet differita ghas-sentenza ghad-19 ta’ Frar 2003.

Rat ir-rapport tal-Perit Legali minn fol 33 sa 47 tal-process.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

### <u>(A) PROVI</u>

Illi **l-attrici** tixhed u tghid illi hija ltaqghet mal-konvenut fl-1988 waqt li kienet ghal btala gewwa l-Ingilterra. Il-konvenut kien jinstab hemmhekk ghal kura minhabba li kellu problemi ta’ sahha fil-kliewi. Huwa kien jitla’ l-Ingilterra ghat-testijiet. Dak iz-zmien l-attrici kellha dsatax-il sena u il-konvenut kellu tlieta u ghxrin (23) sena. Huma bdew johorgu flimkien f’Jannar 1988 u f’April l-konvenut nizel Malta ghal kollox peress illi kien ghamel zmien twil l-Ingilterra. F’dan il-perijodu huma zammew kuntatt ma’ xulxin permezz ta’ korrispondenza.

Illi l-attrici tghid illi huma ghamlu tliet snin johorgu flimkien u f'dan il-perijodu tghid illi ghalkemm kienet taf illi il-konvenut kien "*kidney patient*", pero` ma kenitx taf illi ma setax ikollu tfal. F'dan il-perijodu huwa baqa' jiehu t-trattament ghal kundizzjoni tieghu.

Illi l-kontendenti zzewgu fit-28 ta' Novembru 1992. Qabel iz-zwieg it-tnejn li huma kienu wrew ix-xewqa illi jkollhom it-tfal wara z-zwieg, ghalkemm qatt ma tkellmu fid-dettal dwar dawn l-affarijiet. Qabel iz-zwieg, l-attrici tghid illi kienet staqsiet lit-tobba tal-konvenut jekk it-trattament li kien qieghed jiehu setax jaffettwalu l-kapacita' tieghu li jkollu t-tfal, u huma kienu qalulha illi dan ma kellux jaffettwah.

Illi l-attrici tkompli tghid illi mill-1993, u cioe` madwar sena wara z-zwieg, huma bdew jippruvaw ghat-tfal. Tghid illi problemi fuq affarijiet ohra bhala koppja ma kellhomx. Meta l-attrici ma setghetx tinqabad tqila, tghid illi kienu marru flimkien ikellmu lil Profs. Mark Brincat u hu gharrafhom illi l-konvenut ma setax ikollu tfal. Dan seta' jghidu minn dak li kienet qaltlu l-attrici u hekk kif semmietlu l-medicina li kien qieghed jiehu l-konvenut huwa kien gharrafhom illi bihom il-konvenut zgur kien sar sterili. Din il-medicina kien ilu jehodha minn qabel iz-zwieg.

Illi l-attrici tkompli tghid illi ghaliha t-tfal fiz-zwieg kienu mportanti hafna. Tghid illi wara tliet xhur taz-zwieg huma kienu diga' qed jippruvaw ghat-tfal u hekk kif indunat li ma setghetx tinqabad tqila, huma kienu marru l-isptar ghat-testijiet tal-fertilita`. Madwar l-1996, l-attrici tghid illi kienet qatghet qalbha illi hija setghet ikollha t-tfal mar-ragel taghha. Minn hawn bdew il-problemi fiz-zwieg taghhom ghaliex tghid illi ghaliha kienet problema li ma setghetx ikollha t-tfal peress illi hija baqghet tixtieq ikollha t-tfal taghha. L-attrici tghid illi ma setghetx taccetta l-fatt illi hija kienet ser tibqa' ghal hajjtiha kollha minghajr tfal.

Illi l-attrici tiddikjara illi li kieku hija setghet tkun taf qabel iz-zwieg illi l-konvenut kien infertili hija certament kienet tahsibha darbtejn biex tizzewgu. Tghid illi hija zgur kienet

tahsibha li kieku kienet taf bic-cert qabel iz-zwieg li kienet tezisti din il-problema.  Illum l-attrici tghid illi ghandha tifel ta’ tliet snin minn terza persuna. Tghid illi ftit wara li bdiet tohrog ma’ missier binha, u cioe` fl-1998, hija ddecidet illi riedet it-tfal minn din il-persuna. Din kienet decizjoni li hadet hija stess u mhux ghaliex kienet inqabbdet tqila bi zball. Hija riedet ikollha t-tfal.

Illi l-attrici ressqet bhala xhud lil ommha **Carmen Agius**. Hija tghid illi bintha ltaqghet mal-konvenut gewwa l-Ingilterra fejn kienet marret ghal btala flimkien ma’ ohtha. Hija tghid illi l-konvenut kien qieghed l-Ingilterra ghal kura u kien qieghed ighix ghand is-sorijiet. Meta gie lura Malta hija saret taf illi huwa kien marid bil-kliewi. Bintha qaltilha li kienet saret thobbu u madwar sitt xhur wara li kienet iltaqghet mieghu, l-konvenut gie lura Malta permanentement. Tghid illi hija u zewgha ghall-ewwel ma kienux hadu gost b’din l-ahbar, pero` huma kienu accettawh ghaliex din kienet ix-xewqa ta’ binthom. Tghid illi l-konvenut kien jitla’ regolarment ghal kura gewwa l-Ingilterra u li b’din il-kura huwa beda jfieq, izda ftit wara z-zwieg bdiet tmur ukoll il-kilwa l-ohra. Tghid illi wara z-zwieg il-konvenut beda jmur ghal kura gewwa l-isptar Malta u ghadu jmur sal-lum.

Illi tghid illi bintha kienet tixtieq ikollha t-tfal u dan peress illi t-tfal thobbhom. Tfal miz-zwieg izda ma twieldux. Tghid illi ghalkemm hija ma tafx ghalfejn izda setghet tikkonkludi illi dan gara minhabba fil-medicina li kien jiehu l-konvenut. Quddiemha, l-konvenut qatt ma semma l-kwistjoni tat-tfal, pero` hija taf illi huwa t-tfal kien ihobbhom.

Illi omm l-attrici tghid illi z-zwieg tal-kontendenti kien tkisser minhabba l-fatt illi bintha l-ohra allegat illi l-konvenut kien qieghed imur id-dar taghha biex jittantaha. Tghid illi llum il-kontendenti huma separati. Tghid illi bintha kienet haditha bi kbira illi ma setghetx ikollha tfal u gieli kienet tmur ghandha d-dar tibki minhabba f’dan.

Illi l-**Professur Mark Brincat**, xehed fis-seduta tal-21 ta’ Marzu 2002 wara li gie debitament ezentat mis-sigriet professjonali. Ix-xhud ighid illi l-ewwel darba li ltaqa’ mal-

koppja kienet fl-1996 meta Joseph Gauci kellu 31 sena u Antoinette Agius kellha sebgha u ghoxrin (27) sena. Huma kienu marru ghandu biex huwa jaghtihom l-opinjoni tieghu dwar l-infertilita`. Jghid illi l-koppja kienu ilhom mizzewgin tliet (3) snin u ma kellhomx tfal. Kienu anke taht it-*team* tieghu gewwa l-isptar. Fis-16 ta’ Ottubru 1993, huma kellhom *out-patient appointment* l-isptar. Il-problema kienet dejjem l-istess u cioe` illi l-konvenut kellu problemi fil-kliewi u kien anke ghamel *renal transplant* gewwa Praga ghal habta ta’ l-1981. Gewwa Praga kienet sariltu kura ghal problema tieghu u kien anke jiehu hafna medicini.

Illi x-xhud jghid li minn investigazzjonijiet li ghamel irrizultalu illi l-konvenut kellu “*azospermia*” jigifieri “*absence of sperm*”. Testijiet ripetuti li saru sussegwentement irrizultaw illi l-problema baqghet tezisti. Dawn it-testijiet saru bejn l-1993 u l-1996. Ighid illi huwa ma jistax jikkonkludi illi bil-fors din il-kundizzjoni kienet relatata mal-kura li kien ha l-konvenut, pero` dan seta’ kien il-kaz u dan anke in vista tal-fatt illi huwa kien marid serjament gewwa Praga. Ighid illi fl-opinjoni tieghu jekk ir-*renal transplant* tkun success, il-fertilita’ tista tigi “*restored*”. Min-notamenti illi huwa kellu fil-*file* ta’ l-isptar deher illi meta l-koppja kienu marru l-isptar fis-16 ta’ Ottubru 1993, huma kienu marru biex jaghmlu *fertility test*. L-ewwel test li kien sar kien fid-29 ta’ Ottubru 1993. Il-konsulta li kienet saret l-isptar inizjalment kienet investigazzjoni rigward problemi ta’ fertilita’ li kellhom il-koppja, peress illi wara hdax-il xahar ta’ zwieg, huma ma setghux ikollhom tfal. Din il-kundizzjoni ta’ “*azospermia*” hafna drabi hija “*irreversible*”, izda ighid illi din m’hijiex konklussiva. Il-kundizzjoni ta’ sahha tal-konvenut certament skond il-Professur Brincat, ma ghenitx fil-problema tieghu ta’ l-infertilita` peress illi l-problemi fil-kliewi tieghu hija wahda kronika.

Illi l-ahhar li xehed kien **il-konvenut**. Huwa qal illi meta iltaqa’ ma’ l-attrici gewwa Londra huwa kien jinstab l-Ingilterra ghal kura, peress illi kien ghadu kemm ghamel l-operazzjoni tat-*transplant* tal-kilwa. Jghid illi kif ghaddielha z-zmien tal-btala, l-attrici nizlet lura Malta u huwa gie lura

tliet xhur wara. Huwa kien mal-ewwel gharrafha bil-kundizzjoni medika tieghu. Ikompli jixhed illi wara sentejn johorgu flimkien, huma ddecidew li jizzewgu. F'dan il-perijodu huwa baqa' jiehu l-kura u kien jitla' kull xahrejn l-Ingilterra. Jghid illi darba minnhom l-attrici kienet telghet mieghu u marru ghand it-tabib tieghu biex ikellmuh flimkien u kienu staqsewh jekk huwa setghax ikollu tfal. It-tabib kien wiegbu *"ghalfejn le",* pero` testijiet ma kienux saru. Ighid illi kienu staqsew dan lit-tabib ghaliex it-tnejn illi huma xtaqu jkollhom it-tfal. Sussegwentement huma zzewgu bil-hsieb li jkollhom it-tfal. Dan kien fit-22 ta' Novembru 1992. Jghid illi mal-ewwel bdew jippruvaw ghat-tfal, izda wara sentejn meta raw illi l-attrici ma setghetx tinqabad tqila ddecidew illi jaghmlu t-testijiet necessarji u minnhom irrizulta illi huwa kien sterili. Jghid illi huwa ma vverifikax jekk din kenitx relatata mal-kundizzjoni medika tieghu, ghalkemm ma jeskludix din il-possibilta'. Din l-ahbar kienet kerha ghalihom peress illi t-tnejn li huma xtaqu t-tfal. Ighid illi damu b'kollox hames snin mizzewgin, imbaghad infirdu. Isostni li huwa ghadu sal-lum ma jafx ghaliex kienu nfirdu. Din kienet ix-xewqa ta' martu u huma ghalhekk isseparaw. Isostni illi huwa ma kienx il-kagun tal-firda u baqa' jistenna lil martu tirrtorna lura d-dar.

Illi in kontro-ezami huwa jerga' jsostni illi ma jafx x'kienet ir-raguni 'il ghala martu telqitu. Ighid illi meta saru jafu illi ma setax ikollhom it-tfal, l-attrici kienet issuggeriet il-*fostering,* izda hu ma riedx u qatt ma qabel ma' martu fuq dan. Ighid illi dak iz-zmien lanqas kellu x-xewqa li jaddotta. Jerga' ighid illi meta huma kienu kellmu lit-tabib ta' l-Ingilterra qabel iz-zwieg, dwar il-possibilta' li huma jkollhom it-tfal, hu kien assigurahom li din ma kenitx problema.

**<u>(B) KONSIDERAZZJONIJIET</u>.**

Illi mill-premessi tac-citazzjoni jirrizulta illi l-attrici qieghda tibbaza t-talba taghha ghall-annullament taz-zwieg ghal diversi ragunijiet previsti fl-**artikolu 19(1)** ta' l-Att Dwar iz-Zwieg u precizament ghal dak li hemm previst fis-**sub-inicizi (1c), (1d) u (1f)** u cioe` illi l-kunsens taghha nkiseb

b'qerq dwar xi kwalita' tal-parti l-ohra li tista' mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga, illi l-kunsens tal-konvenut kien issimulat u illi l-konvenut ma kellux dik id-diskrezzjoni tal-gudizzju mehtiega ghal hajja mizzewga u li ma kienx kapaci jassumi r-responsabbiltajiet taz-zwieg minhabba anomalija psikologika li kien qieghed ibaghti minnha.

Illi mill-kumpless tal-provi prodotti madankollu ma jidhirx illi t-talba attrici tista' tinkwadra ruhha f'xi wahda minn dawn id-disposizzjonijiet tal-ligi u dan ghas-segwenti ragunijiet.

- **<u>L-ARTIKOLU 19 (1) (C):</u>**

Illi dan l-artikolu tal-ligi jiddisponi testwalment illi zwieg ikun null:-

*"jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb b'qerq dwar xi kwalita tal-parti l-ohra li tista' mix-xorta taghha tfixxkel serjament il-hajja mizzewga."*

Illi mill-premessi tac-citazzjoni jirrizulta illi l-attrici qieghda torbot din il-kawzali mal-fatt illi l-konvenut kien sterili u ghalhekk huma ma setghux ikollhom tfal miz-zwieg taghhom. Illi rrizulta illi ghall-attrici kien essenzjali illi hija jkollha t-tfal miz-zwieg taghha u meta rrejalizzat illi wara hafna tentattivi l-possibilta' li hija jkollha t-tfal mill-konvenut kienet ghal kollox inezistenti, l-hajja mizzewga taghha spiccat.

Illi hawnhekk madankollu l-ligi qieghda titkellem fuq qerq ezercitat mill-parti l-ohra intenzjonalment biex jikseb il-kunsens mehtieg ghaz-zwieg. Illi mill-assjem tal-provi prodotti ma rrizulta bl-ebda mod illi l-konvenut ezercita xi forma ta' qerq fuq l-attrici bl-intenzjoni illi jgieghla tizzewgu. Minn imkien mill-provi ma johrog illi l-konvenut kien jaf minn qabel iz-zwieg li kien sterili u heba dan il-fatt mill-attrici. *Altrocche'*! Illi huwa evidenti illi l-attrici kienet taf mill-ewwel gurnata li bdiet tohorg mal-konvenut illi huwa kien marid serjament bil-kliewi u fil-fatt meta saret tafu

huwa kien qieghed l-Ingilterra ghal kura, liema kura huwa baqa’ jehodha regolarment anke fil-perijodu ta’ l-gherusija. *Inoltre* rrizulta wkoll illi qabel iz-zwieg l-attrici kienet ghamlet il-verifiki taghha dwar jekk il-konvenut kienx ibati mill-infertilita` kagun tal-marda li kellu u tal-kura medicinali li kien qieghed jircievi. Fil-fatt mix-xhieda tal-kontendenti johrog illi qabel iz-zwieg, f’wiehed mill-vjaggi li kien jaghmel il-konvenut gewwa l-Ingilterra ghall-kura, hija kienet akkompanjatu u kienu marru jkellmu lit-tabib Ingliz, kuranti tal-konvenut, li kien assigurahom illi ma kellhiex tkun problema ghall-konvenut illi huwa jiggenera t-tfal. Dan ghalhekk jindika illi l-konvenut kellu l-istess informazzjoni li kellha hi u ma seta’ bl-ebda mod iqarraq biha fuq dan il-punt. Kien biss wara z-zwieg li saru diversi testijiet tal-fertilita` w il-koppja flimkien skoprew illi l-konvenut kien qieghed ibati minn kundizzjoni msejha “*azospermia*”.

- **<u>L-ARTIKOLU 19(1) (D):</u>**

Illi zwieg ikun null, taht din id-dispozizzjoni tal-ligi:

*“jekk il-kunsens ta’ xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b’difett serju ta’ diskrezzjoni tal-gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b’anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.”*

Illi hawnhekk ukoll il-Qorti taqbel mal-perit legali li l-provi li gew prodotti ma jwasslux ghan-nullita` taz-zwieg tal-kontendenti taht din id-disposizzjoni tal-ligi. Illi l-koppja zzewgu fl-1992 meta l-attrici kellha madwar tlieta u ghoxrin (23) sena u l-konvenut kellu madwar tmienja u ghoxrin (28) sena u ghalhekk wiehed ma jistax ighid illi dawn kienu xi tfal zghar li ma kellhomx il-kapacitajiet mentali jifhmu dak illi jfisser iz-zwieg. Jidher mill-provi illi huma kienu ghamlu bejn tlieta (3) u erba’ (4) snin johorgu flimkien u ghalhekk jidher illi kellhom zmien bizzejjed biex isiru jafu lil xulxin u biex l-attrici tifhem l-entita` tal-kundizzjoni medika tal-konvenut. Pjanijiet qabel iz-zwieg jidhru li saru ghaliex anke din il-kwistjoni tat-tfal jidher illi

kienet giet diskussa u kienu anke ghamlu l-verifiki necessarji f'dan ir-rigward.

Illi z-zwieg taghhom dam madwar erba' (4) snin u jidher illi tkisser minhabba din il-kwistjoni tat-tfal, illi kienet tant importanti ghall-attrici. Dan qieghed jinghad ghaliex anke l-attrici stess tghid illi problemi ohra bhala koppja bejniethom ma kienx hemm u ghall-konvenut ghadu sal-gurnata tal-lum ighid illi ma jafx ghaliex sehhet is-separazzjoni. Mill-provi ma irrizultax illi xi wiehed mill-partijiet kien affett minn xi mard mentali jew psikologiku li seta' jwassalhom ghan-nuqqas ta' kapacita' li jerfghu r-responsabbiltajiet tal-hajja mizzewga. L-uniku mard li jissemma huwa dak tal-konvenut konness mal-kliewi u l-infertilita` tieghu. L-ebda wiehed mill-partijiet ma jallega illi xi parti kellha xi dizordni fil-personalita` tieghu jew taghha. Inoltre hadd minnhom ma jilmenta illi xi parti ma kienx fehem dak li kien ifisser iz-zwieg jew li ma kienx qieghed jaqdi sew id-dmirijiet tieghu fil-hajja mizzewga. Jidher anzi illi l-koppja kellhom hajja mizzewga normali karatterizzata madankollu dejjem bl-istess problema u cioe` l-infertilita' tal-konvenut.

Illi ma jidhirx lanqas illi l-kundizzjoni fizika u ta' sahha tal-konvenut effettwat b'xi mod il-hajja mizzewga taghhom u dan ghaliex jidher illi sa mill-bidunett tar-relazzjoni taghhom, l-attrici kienet accettat din is-sitwazzjoni u li ghaliha ma kienet l-ebda problema illi tghix ma' zewgha u tiehu hsiebu fil-problemi ta' sahha li kellu.

Illi ghaldaqstant l-unika konkluzjoni possibbli abbazi tal-provi prodotti hija li lanqas taht din id-dispozizzjoni tal-ligi ma jista' jinghad li hemm in-nullita' taz-zwieg u dan peress illi jidher car illi il-koppja kellhom dik id-diskrezzjoni tal-gudizzju necessarja ghal hajja mizzewga u li hadd minnhom ma kellu xi anomalija psikologika li setghet taffetwalu l-kapacita` tieghu biex jassumi r-responsabbiltajiet tal-hajja mizzewga.

- **<u>L-ARTIKOLU 19(1) (F).</u>**

Illi dan l-artikolu tal-ligi jitratta dwar is-simulazzjoni tal-kunsens matrimonjali kemm dik totali, kif ukoll dik parzjali. Illi l-kunsens matrimonjali jkun gie simulat fit-totalita' tieghu meta xi parti fiz-zwieg jew anke t-tnejn li huma jkunu eskludew iz-zwieg fit-totalita` tieghu bhala ftehim bejn ragel u mara fejn jistabbilixxu unjoni ghal hajjithom kollha bl-elementi kollha li tistabbilixxi l-ligi ghall-kuntratt matrimonjali. Tezisti simulazzjoni parzjali meta persuna teskludi biss wahda jew aktar mill-elementi necessarji rikjesti biex jigi stabbilit iz-zwieg bhal per ezempju, l-eskluzjoni tal-prokreazzjoni u trobbija ta' l-ulied, jew l-eskluzjoni ta' l-obbligu tal-fedelta` lejn il-parti l-ohra. Illi ghalhekk biex wiehed jinvestiga l-validita` *o meno* tal-kunsens matrimonjali fil-kuntest tas-simulazzjoni, huwa necessarju illi l-volonta` tal-persuna li tkun tat dak il-kunsens tigi nvestigata biex jigi stabbilit jekk il-persuna li tkun qed taghti l-kunsens kellhiex il-volonta' w ix-xewqa li teskludi z-zwieg jew xi wiehed mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga.

Illi l-**artikolu 19 sub-inciz 1 (f) tal-Kap 255** ighid testwalment li zwieg ikun null:-

*"Jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg."*

Illi hawnhekk il-ligi qieghda titkellem fuq is-simulazzjoni kemm dik totali kif ukoll dik parzjali tal-kunsens matrimonjali. Il-kunsens huwa l-qofol ta' kwalunkwe ftehim jew kuntratt specjalment il-kuntratt taz-zwieg. Wiehed jista' jghid illi z-zwieg jibda jezisti hekk kif il-partijiet jimmanifestaw il-kunsens taghhom. L-awtur ***F. Anzar Gil*** fil-ktieb tieghu: **"El nuevo derecho matrimonial canonico"** jaghti definizzjoni l-aktar approprjata tal-kunsens u specifikatament dak matrimonjali tant li jghid li:-

"*Nel senso giuridico ampio viene chiamato conseno l'incontro di diverse volonta'  in ordine allo stesso obbligo. Riferito alla celebrazione del matrimonio, il consenso puo' essere descritto come l'incontro della volonta di un uomo*

*e di una donna in ordine alla costituzione dello stato coniugale.*"

Illi ghalhekk jekk dak il-kunsens ikun b'xi mod simulat allura dak ma jibqax wiehed validu. Izda meta nistghu nghidu illi l-kunsens ikun gie simulat? Jekk il-kunsens intern ta' persuna ma jkunx jaqbel mas-sinjali jew gesti esterni ta' l-istess, jew jekk dak illi persuna tkun qed tfisser bil-kliem ma jkunx jaqbel ma' dak li qed tahseb jew trid internament allura huwa ovvju illi dik l-azzjoni umana hija wahda simulata.

"*Simula quindi o finge la celebrazione del matrimonio colui che esternamente manifesta la propria volonta' di celebrarlo, mentre in realta', nell' interno della sua volonta non vuole la celebrazione del medesimo. Per la esistenza dunque della simulazione in senso proprio e' necessaria la divergenza cosciente e volontaria tra la manifestazione esterna del consenso matrimoniale e quello che si vuole nell' interno della volonta'*." (***J.F. Castano'* - Il Sacramento del Matrimonio**)

Illi l-ligi fl-**artikolu 19 (1) (f)** taghmel distinzjoni bejn is-simulazzjoni totali u dik parzjali tal-kunsens matrimonjali. Tezisti simulazzjoni totali meta persuna teskludi z-zwieg fit-totalita' tieghu bhala ftehim bejn ragel u mara fejn jistabbilixxu unjoni ghal hajjithom kollha bl-elementi kollha li tistabbilixxi l-ligi ghall-kuntratt matrimonjali. Tezisti simulazzjoni parzjali meta persuna teskludi biss wahda jew aktar mill-elementi essenzjali rikjesti biex jigi stabbilit iz-zwieg bhal per ezempju, l-eskluzjoni tal-prokreazzjoni u trobbija ta' l-ulied, jew l-eskluzjoni ta' l-obbligu tal-fedelta` lejn il-parti l-ohra.

Illi ghalhekk biex wiehed jinvestiga l-validita` *o meno* tal-kunsens matrimonjali fil-kuntest tas-simulazzjoni, huwa necessarju illi l-volonta' tal-persuna li tkun tat dak il-kunsens tigi nvestigata. Il-ligi tistabbilixxi illi biex il-kunsens ikun gie simulat ma huwiex bizzejjed illi jkun hemm l-assenza tal-volonta' ghaz-zwieg, izda jrid bil-fors ikun hemm l-eskluzjoni pozittiva. Dan ifisser illi l-persuna li tkun qed taghti l-kunsens tissimula dak il-kunsens meta

jkollha l-volonta w ix-xewqa li teskludi z-zwieg. Ma huwiex necessarju illi tali eskluzzjoni tigi manifestata esplicitament, izda jista' jkun illi mic-cirkostanzi kollha li jsegwu tal-hajja matrimonjali jkun car illi l-kunsens matrimonjali jkun gie simulat.

*"L'atto positivo della volonta' non si identifica con l'intenzione espressa o esplicita, ma l'atto della volonta' puo' essere positivo ad essere manifestato implicitamente. L'atto positivo puo' essere emesso anche con intenzione implicita vale a dire mediante il modo di comportarsi del soggetto che esclude, o mediante l'insieme delle circostanze della vita del medesimo soggetto. La volonta', oltre il modo espresso o esplicito di esprimersi, ha ancora altri modi di manifestarsi".* **(*O. Giacchi* – "*Il consenso matrimoniale canonico"*).**

Illi ezaminati l-provi prodotti fid-dawl ta' din id-disposizzjoni din il-Qorti, kontrarjament ghal dak li kkonkludiet il-perit legali thoss li din id-disposizzjoni giet sodisfatta mill-provi prodotti, u dan peress li jidher car li l-attrici rabtet il-kunsens taghha taz-zwieg mal-konvenut mal-kondizzjoni li jkollha tfal minnu, li hija lodevoli kemm trid, izda certament li l-prokreazzjoni tal-ulied ghalkemm element essenzjali taz-zwieg ma huwiex l-unika element ghall-konkrettezza tal-istess.

Illi fil-fatt jista' jinghad li ghalkemm il-prokreazzjoni tal-ulied hija mportanti tant li l-esklussjoni taghha mill-kunsens moghti fiz-zwieg jista' jwassal ghall-annullament taz-zwieg, li tidhol u taghti l-kunsens taz-zwieg unikament ghall-istess wild, u teskludi l-elementi essenzjali l-ohra kollha, jista' jwassal ghan-nullita' tal-istess zwieg.

Illi fil-fatt mil-provi prodotti jirrizulta li l-attrici rabtet il-kunsens taghha mal-aspettattiva ta' l-ulied, tant li kif indunat li ma jistax ikollha tfal minhabba l-kondizzjoni tal-konvenut, hija hassret mill-ewwel ir-relazzjoni mal-konvenut, b'dan li juri bic-car li l-istess attrici qatt ma kellha l-intenzjoni li tghix f'komunjoni u bhala familja mal-konvenut jekk ma jkollhiex tfal, u dan huwa kkonfermat anke mill-fatt li l-istess attrici kemm qabel u kemm wara z-

zwieg ghamlet emfazi kbira, biex ma jinghadx eskussiva, fuq it-tfal, u la darba t-tfal ma gewx, li ghaliha kien kollox, hija temmet il-hajja mizzewga mal-konvenuta, u kollox sfaxxa fix-xejn.

Illi ghalhekk it-talba attrici ghandha tigi milqugha abbazi tal-**artikolu 19 (1) (f) tal-Kap 255,** ghar-ragunijiet imputtabbli lill-attrici.

Illi in vista tal-fatt li l-perit legali ezaminat il-kaz anke abbazi tal-**artikolu 19 (1) (b) tal-Kap 255,** il-Qorti sejra tikkunsidra wkoll l-istess bazi fil-konfront tal-provi prodotti liema disposizzjoni tal-ligi tipprevedi illi zwieg ikun null:-

*"jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun eskluz minhabba zball fuq l-identita` tal-parti l-ohra."*

- **L-ARTIKOLU 19(1) (B):**

Illi l-izball jikkonsisti f'gudizzju falz dwar xi haga jew xi hadd u kwindi jista' jigi kkunsidrat bhala difett tal-intellett. Il-persuna fl-izball ma tkunx nieqsa mill-gharfien shih izda jkollha gharfien zbaljat dwar il-persuna jew l-oggett. Dik il-persuna, mbaghad taghmel gudizzju jew tifformula opinjoni bbazata fuq dak illi li zbaljatament tkun qed tippercepixxi.

Il-**"*Castano'*"** jaghti s-segwenti definizzjoni dwar zball fil-ktieb tieghu: **"Il Sacramento del Matrimonio"**:-

"*L'errore infatti e' un atto del'intelletto che consiste in un 'iudicium falsum', gudizio che ha come causa una falsa 'rei apprehensio'. Come abbiamo detto ripetutamente, la volonta' – facolta' che consente – non si muove se l'intelletto non le presenta un oggetto che attiri la sua appetibbilita'. Ma l'intelletto, proprio a causa del 'iudicium falsum (errore), presenta alla volonta' un oggetto falso distorto, un oggetto cioe` che non corrisponde alla verita'. E' per questo che la volonta' viene erroneamente indotta ad emettere un consenso che non risponde alla realta' e quindi il vero consenso viene a mancare"*.

Illi huwa minhabba f'din ir-raguni illi l-izball jitqies bhala vizzju tal-kunens u dan ghaliex dak il-kunsens ikun qed jigi moghti taht gudizzju falz li l-persuna li tkun qieghda taghtih tkun ghamlet fuq il-parti l-ohra fiz-zwieg. L-izball *inoltre* irid ikun tali illi min-natura tieghu ifixxkel serjament il-hajja mizzewga bejn il-partijiet. Jekk il-persuna fi zball, wara l-gharfien ta' dak l-izball thoss illi l-hajja matrimonjali taghha ma hijiex imfixkla b'dan l-gharfien allura l-kunsens matrimonjali minnha moghti jkun wiehed validu u dan peress illi l-volonta' tieghu jew taghha ma tkunx giet effettwata b'dak il-gudizzju falz li jkun sar. Fil-fatt fil-ligi kanonika, ssir distinzjoni bejn zball fuq il-persuna u zball rigward xi kwalita' tal-persuna, liema kwalita' trid tkun "*directly and principally intended*", u cioe` li fil-mument taz-zwieg, il-kunsens matrimonjali jkun qed jigi marbut ma' dik il-kwalita' fil-parti l-ohra, li jekk tkun nieqsa allura ggib in-nullita' ta' dak iz-zwieg minhabba vizzju tal-kunsens.

Illi stabbiliti dawn il-principji legali l-Qorti sejra tghaddi biex tapplika l-istess ghall-kaz *de quo,* u maghmul dan, jirrizulta mill-provi prodotti illi wahda mill-finijiet taz-zwieg ghall-attrici kien illi hija tibni familja ma' zewgha u cioe` illi hija jkollha it-tfal miz-zwieg. Dan jirrizulta car mill-fatt illi qabel iz-zwieg hija telghet l-Ingilterra biex tistaqsi lit-tabib kuranti tal-konvenut jekk huwa setax ikollu t-tfal minhabba l-mard serju li kien qed ibaghti minnu. Ghalhekk fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali l-attrici kienet fi zball rigward din il-kwalita' tal-persuna tal-konvenut stante illi hija kienet giet imgieghla tahseb illi huwa seta' jkollu t-tfal.

Illi mix-xhieda taghha fil-fatt jirrizulta illi hija rabtet il-kunsens matrimonjali taghha ma' dan il-fatt ghaliex tghid:-

*"Illum nghid illi li kieku qabel iz-zwieg kont naf illi l-konvenut kien infertili jiena certament kont nahsibha darba darbtejn qabel nizzewgu. Kieku kont naf qabel iz-zwieg li din il-problema bic-cert kienet tezisti zgur li kont nahsibha."*

Illi prova ta' din l-affermazzjoni maghmula mill-attrici fix-xhieda taghha tohrog mill-fatti li graw wara z-zwieg. Fil-fatt

hekk kif il-koppja zzewgu, huma mal-ewwel bdew jippjanaw biex jibnu familja u ftit wara rrejalizzaw illi l-attrici ma setatx tinqabad tqila. Jidher ghalhekk illi minnufih kif izzewget l-attrici riedet tarbija. Mix-xhieda tal-Professur Brincat, li xehed mid-dokumenti li kien hemm fil-*file* ta' l-isptar tal-konvenut jirrizulta illi l-ewwel test ta' l-infertilita` li sar kien fid-29 ta' Ottubru 1993, wara appuntament illi huma kellhom gewwa l-isptar fis-16 ta' Ottubru 1993 u cioe` hdax-il xahar biss wara li l-koppja kienu zzewgu. Inoltre l-Professur jixhed illi mill-1993 sal-1996, huma baqghu jaghmlu testijiet regolarment u baqghu jattendu l-isptar, meta ighid: *"testijiet li saru sussegwentement u iktar minn darba rrizultaw illi l-problema baqghet tezisti"*.

Illi minn hawn jidher illi fil-ftit snin illi huma kienu flimkien bhala koppja mizzewga, l-hsieb ewlieni kien biex huma ikollhom l-ulied u kienu qattghu dan iz-zmien u cioe` l-ewwel snin taz-zwieg taghhom mheddija b'din il-problema li kienet il-punt centrali tal-hajja mizzewga qasira li kellhom. Fl-ahhar fl-1996, huma marru ghand il-Professur Brincat biex huwa jaghtihom l-opinjoni tieghu dwar l-infertilita' tal-konvenut.

Illi l-attrici fil-fatt tghid illi f'dan il-perijodu u cioe` fl-1996, hija qatghet qalbha illi kien ser ikollha tfal mill-konvenut u ghalkemm mix-xhieda tal-konvenut jidher illi anke issugerrietlu il-*fostering* jew l-adozzjoni bhala alternattiva, l-konvenut ma accettax u kwindi minn hawn iz-zwieg tfarrak. L-attrici tghid illi hija ma setghetx taccetta l-fatt li kienet ser taghmel hajjitha kollha minghajr tfal u ghalhekk bdew il-problemi bejnha u bejn zewgha. Jidher illi din kienet l-uniku problema bejn il-koppja, izda ghall-attrici din kienet problema insormontabbli ghaliex ma setghetx tara kif ser tibqa' tghix il-weghda taz-zwieg mal-konvenut li ma setax jaghtiha dak illi mieghu hija kienet rabtet il-kunsens matrimonjali taghha. Ghalhekk, kif ighid il-konvenut, hija qabdet u telqet lejn l-Ingilterra ma' ohtha.

Illi ftit wara illi l-attrici rceviet din l-ahbar ta' kundanna, hija u l-konvenut isseparaw u l-attrici qabdet relazzjoni ma' terza persuna w immedjatament kif bdiet tohrog ma' din il-

persuna hija harget tqila u qatghet ix-xewqa taghha li jkollha tarbija. Tghid illi din kienet decizjoni taghha illi jkollha t-tfal mis-sieheb taghha u mhux inqabbdet tqila bi zball. Dan gara ghaliex hija riedet it-tfal. Illum l-attrici ghandha tifel ta’ tliet snin minn din it-terza persuna. Jidher ghalhekk illi hekk kif l-attrici irrejalizzat li l-konvenut ma setax ikun il-missier ta’ uliedha, dan fixkel serjament il-hajja mizzewga ta’ bejnha u bejn il-konvenut, tant illi hija ma rieditx tibqa’ marbuta mieghu fir-rabta taz-zwieg u fittxet persuna ohra li kien fiha dik il-kwalita’ daqshekk importanti ghaliha biex tilhaq l-ghan illi kienet tant ghaziza ghaliha. Il-konvenut ighid illi huwa ma kienx il-kagun tal-firda bejniehtom u lanqas jaf ir-raguni ‘il ghala telqet l-attrici, izda jghid illi kienet hi li xtaqet illi huma jisseparaw u huwa accetta.

Illi ghalhekk mis-sekwenza tal-fatti kif graw il-Qorti hija ta’ l-opinjoni illi l-kunsens ta’ l-attrici inkiseb bi zball fuq l-identita’ tal-konvenut ghaliex hija rabtet il-kunsens matrimonjali taghha ma’ gudizzju zbaljat li kienet ghamlet dwar il-konvenut. Fil-figura tal-konvenut hija kienet qed tara il-missier ta’ l-ulied futuri taghha, haga li l-konvenut qatt ma seta’ jkun in vista tal-fatt illi kellu l-problema ta’ l-infertilita` li fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali l-attrici kienet imgieghla tahseb illi ma kenitx tezisti u li kwindi l-konvenut seta’ jkun il-missier ta’ wliedha.

Illi ghalhekk fid-dawl ta’ dak suespost jirrizulta li z-zwieg li gie ccelebrat bejn il-kontendenti fit-28 ta’ Novembru 1992 huwa null u bla effett fil-ligi u dan ukoll fid-dawl ta’ dak dispost fl-**artikolu 19 (1) (b) tal-Att dwar iz-Zwieg ta’ l-1975** u ghalhekk it-talba attrici ghandha tigi milqugha fid-dawl ta’ dak premess.

## <u>III. KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, inkwantu jikkontrastaw ma’ dak fuq deciz, **tilqa’ t-talba attrici** b’dan illi:-

1. Tiddeciedi u tiddikjara ghar-ragunijiet premessi li z-zwieg bejn il-partijiet tat-28 ta' Novembru 1992 huwa null u bla effett ghal-finijiet u effetti kollha tal-ligi *ai termini* tal-**artikolu 19 (1) (b) u (f) tal-Kap 255** ghar-ragunijiet imputabbli lill-attrici.

Bl-ispejjez kollha kontra l-attrici.

**Moqrija.**

**--------------------------------TMIEM--------------------------------**